31 ta' Mejju, 1954.

Imħallef:
L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Vincenzina Grech *versus* Paul Grech

**Alimenti — Mara — Abbandun.**

*Il-liġi tispeċifika l-każi li fihom il-mara tistu' titlef d-dritt tagħha għall-alimenti kontra żewġha; u fost dawn il-każi hemm dak meta l-mara tkun telqet mid-dar konjugali u tirrifjuta li tmur lura mingħajr ġusta kawża.*

*Għar-rigward ta' dan il-każ ta' l-abbandun, għall-finijiet taċ-ċessazzjoni jew le tad-dritt ta' l-alimenti, il-liġi tħares mhux lejn il-kawżali ta' l-abbandun, imma tħares biss jekk il-mara għandhiex jew le raġuni ġusta biex ma tmurx lura fid-dar konjugali.*

*Il-fatt li r-raġel ikun interpella lil martu uffiċjalment biex terġa' lura f'daru, jekk dina ma tkunx irritornat, ma jtellifx lill-mara d-dritt ta' l-alimenti. Dik l-interpellazzjoni tiswa biss fis-sens li l-Qorti jkollha tidħol fl-indaġini jekk il-mara għandhiex ġusta kawża biex tallontana ruħha mid-dar ta' żewġha, u kwindi biex tirrifjuta li terġa' tmur mizgħu; billi, fl-assenza ta' dik l-interpellazzjoni, il-Qorti ma kienx ikollha tidħol f'dik l-indaġini, u kienet takkorda l-alimenti indipendentement mill-indaġini tal-kawża li minħabba fiha l-mara tkun telqet mid-dar ta' żewġha.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi, wara li ppremettiet illi hija kienet kostretta tabbanduna d-dar konjugali minħabba s-swat, moħqrija u theddid ta' żewġha, li mingħajr ebda ġusta kawża mhux qiegħed imantniha; titlob illi, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, il-konvenut ikun kundannat iħallasha pensjoni alimentarja fil-ġurnata, ħin u lok, li jiġu stabbiliti minn din il-Qorti. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandati tal-qbid u tas-sekwestru tas-17 ta' Ġunju 1953, kontra l-konvenut, li

ġie ingħunt biex jidher għas-subizzjoni;

Illi, skond il-liġi, ir-raġel għandu d-dmir, fost oħrajn, li jżomm lil martu skond il-mezzi u l-kondizzjoni tiegħu. Il-liġi tispeċifika l-każi meta l-mara tista' titlef id-dritt tal-manteniment. Dawn huma meta hija, wara li tkun telqet mid-dar, tirrifjuta tmur lura mingħajr ġusta kawża; meta tikkommetti adulterju; jew tabbanduna lil żewġha għal sentejn jew aktar mingħajr raġuni ġusta; u meta, minħabba moħqrija, ingurji gravi, minaċċi jew eċċessi, il-Qorti jkun jidhrilha illi għandha ttellifha l-manteniment;

Illi, b'rigward ta' l-ewwel każ fuq imsemmi, għall-finijiet taċ-ċessazzjoni jew le ta' l-obligu tar-raġel għall-alimenti, il-liġi ma tħarisx lejn il-kawżali ta' l-abbandun, imma tħares biss jekk il-mara għandhiex jew le raġuni ġusta biex ma tmurx lura fid-dar konjugali. Verament, għad illi l-liġi tirriferixxi l-indaġini ta' l-eżistenza tal-ġusta kawża jew le għar-ritorn, sostanzjalment din l-indaġini tiswa daqs kieku ssir l-indaġini l-oħra dwar il-ġustizzja jew le ta' l-abbndun; għaliex wieħed għandu jippreżumi illi l-mara tallega, biex toqgħod barra mid-dar konjugali, l-istess raġunijiet li kellha, skond dak li tgħid hija, biex tabbanduna d-dar ġa msemmija;

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenut oppona ruħu għat-talba ta' l-attriċi, billi jippretendi illi din telqet u tinsab togħod mid-dar konjugali mingħajr raġuni ġusta;

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti jidher mill-kumpless tal-provi illi l-attriċi kellha raġuni ġusta biex titbiegħed mid-dar konjugali. Ġie pruvat illi..............; b'dak kollu, l-attriċi qalet illi hija lesta biex tmur ma' żewġha jekk dan iħalli d-dar ta' ommu u jmur jgħix magħha f'dar għalihom;

Illi mill-provi jirriżulta illi l-konvenut huwa impjegat u għandu salarju ta' ........................; u bu risaput illi fil-kalkolu ta' l-alimenti għandu jiġi meqjus mhux kemm wieħed jaqla', imma kemm jista' jaqla' (App. 29. 10. 51 "Camilleri utrinque"). F'dawn iċ-ċirkustanzi...........;

Illi l-konvenut jallega illi, ladarba huwa interpella uffiċjalment lill-attriċi biex tirritorna d-dar tiegħu u hija ma rritornatx, hija ddekadiet mid-dritt tagħha għall-alimenti kontra

tiegħu. Hu veru li l-konvenut għamel tardivament din l-interpellazzjoni lill-attriċi; u jingħad "tardivament", għaliex għall-ewwel, u għal xi żmien, huwa ma tax każ li l-attriċi telqet minn miegħu, u kien biss wara li ġie notifikat bil-mandat ta' sekwestru li l-attriċi ottjeniet minn dina l-Qorti kontra tiegħu illi huwa għamlilha dik l-interpellazzjoni. Imma l-istess interpellazzjoni weħedha, ma ġġibx magħha d-dekadenza vanta a mill-konvenut jekk l-attriċi għandha, kif jirriżulta, ġusta kawża biex ma tmurx toqgħod miegħu. Din l-interpellazzjoni swiet lill-konvenut fis-sens biss li minħabba fiha din il-Qorti daħlet fl-indaġini jekk l-attriċi kellhiex ġusta kawża biex tallontana ruħha minn mal-konvenut, u kwindi biex tirrifjuta illi terġa' tmur miegħu; kieku ma saretx dik l-interpellazzjoni, il-Qorti ma kienx ikollha għalfejn tidħol f'dik l-indaġini, u kienet tilqa' t-talba ta' l-attriċi indipendentement mill-indaġini tal-kawża li minħabba fiha din ta' l-aħħar telqet minn mal-konvenut (Vol. XXII—I—293; Fadda, art. 133, para. 10, 45);

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi adeżivament għa -talba ta' l-attriċi, u tikkundanna lill-konvenut jħallasha l-pensjoni alimentarja ta' £2. 15. 0 fil-ġimgħa, bil-quddiem, fid-domiċilju tagħha, kull nhar ta' Tnejn, mill-lum stess. L-ispejjeż iħallashom il-konvenut.